MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 865/2006

**Vodafone Malta Limited**
**(C-10865)**

**vs**

**Josephine Cross (247054M) u b'digriet tal-11 ta' Gunju, 2007 giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Alexia Cross ( 316279M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' sitt mija u tnejn u disghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (LM692.78) rapprezentanti bilanc ta' ammont dovut mill-istess konvenut lil Vodafone Malta Limited in konnessjoni ma *mobile phone* bin-numru 9921 0909.

Il-Konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-Ispejjez inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi minn issa ngnta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta sollevata mill-konvenuta fejn gie sollevat illi t-talbiet fil-konfront tal-konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta ma applikatx ghas-servizz ta’ linja tal-‘mobile phone’ bin-numru 9921 0909 jew giet assenjata l-istess numru u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta qatt ma iffirmat xi ftehim mas-socjeta’ attrici u ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici hija totalment infondata – u dan kif jista’ jirizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ Clarissa Portelli, Pat Pullicino, Alexia Cross, Josephine Cross, Maria Theresa Busuttil u Joseph Borg Cordina.

Illi t-Tribunal fil-11 ta’ Gunju, 2007 laqa’ talba ghall-kjamata in kawza ta’ Alexia Cross (ID316279M).

Illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2007 Alexia Cross tat ruhha b’notifikata bil-kawza u ammettiet illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt mija u tnejn u disghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (LM692.78) huwa dovut minnha u ghalhekk qieghda tammetti t-talba tas-socjeta’ attrici fil-konfont taghha.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta kjamata in kawza Alexia Cross thallas is-somma ta’ sitt mija u tnejn u disghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (LM692.78) bl-

ispejjeż u l-interessi kif gew mitluba mis-socjeta' attrici u jillibera lil Josephine Cross mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-kjamata in kawza Alexia Cross.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------